MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1168/2004

**David Grech ID 138281(M)**

**vs**

**David Kitcher**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disgha u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm239.10) jew somma verjuri, rapprezentanti danni kkagunati lill-attur meta, fil-4 ta' Gunju 2002, filwaqt illi l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tat-tip Skoda Favorit li ghandha n-numu ta' registrazzjoni LCA 467 u li hija registrata f'isem certa Emanuela Spiteri minn gewwa Vjal Santa Lucija, Paola, kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura tat-tip Renault u li ghandha n-numru ta' registrazzjoni DAJ 342, proprjeta**

**tal-attur u li dak il-hin kienet qed tigi misjuqa minnu stess, u kkaguna d-danni lill-istess karozza, ghal liema danni huwa unikament responsabbli minhabba imperizja, traskuragni u n-non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**

**Bl-ispejjez inkluzi sitt liri (Lm6) tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Jannar 2003, tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Mejju 2004 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din it-talba ghall-finijiet tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Mejju 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fl-10 ta' Jannar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u disgha u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm239.10) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-27 ta' Mejju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi sitt liri (Lm6) tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Jannar 2003, tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Mejju 2004 u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din it-talba ghall-finijiet tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------